# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Preliminari Numru: 2208

Kaz Nru. 3058/MG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Roberto Carfagno (Passport No: YA0207026)

u

42 Telecom Limited (C 50141)

Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

**Chairperson: Mrs. Mary Gaerty**

**Nhar il-Hamis 28 ta' Frar, 2013**

**Introduzzjoni**

Dan il-Kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ipprezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fid-29 t'Awissu, 2012.

Ghar-rikorrent Roberto Carfagno, deheru l-Avv. Sharon Fenech u l-Avv. Christine Calleja. Ghas-Socjecta' ntimata deher is-Sur Eric Angelow u l-Avv. Patricia Mifsud assistiti mill-Avv. Roselyn Borg.

**Rikjesta ghal decizjoni Preliminari**

L-ewwel seduta nzammet fl-1 ta' Novembru 2012, fil Qrati Superjuri. L-Avv. Roselyn Borg, ghas-Socjeta' ntimata, talbet sabiex il-proceduri jinstemghu bl-ingliz. L-Avv. Sharon Fenech u l-Avv. Christine Calleja ghar-rikorrent m'oggezjonawx. It-Tribunal laqa' t-talba. Is-socjeta' ntimata qajmet l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni tal-kawza u jekk dan it-Tribunal ghandux il-gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi fuq dan il-kaz. Il-partijiet qablu sabiex jibghatu n-noti ta' sottomissjonijiet preliminari fi zmien stabbilit.

**Fatti tal-kaz**

Fl-14 ta' Frar inzammet is-seduta ghat-trattazjoni preliminari wara li gew skambjati n-noti preliminari. It-Tribunal sema' t-trattazjoni u l-argumenti migjuba miz-zewg partijiet. It Tribunal ezamina s-sottomisjonijiet u l-evidenza sottomessa u kkunsidra li;

-kuntratt ta' mpjieg kien iffirmat f'Malta fil-31 t'Awissu 2011 bejn 42 Telecom Limited (Reg No.C50141) u Roberto Carfagno (Passport No. YA0207026)

- li s- Sur Carfagno kellu jopera mill-bazi ta' Singapore

- li skond il-kuntratt, is–Sur Carfagno kellu jahdem l-ewwel tmien xhur taht *probation*

- li fis-17 ta' Ottubru 2011 giet inkorporata s-socjeta' 42 Telecom Asia PTE. Ltd

- li l-*employment pass* tas-Sur Carfagno nhareg bhala mpjegat tas-socjeta' 42 Telecom Asia Pte Ltd

- Illi t-tieni kuntratt ta' l-impieg kien mahrug fl-1 ta Frar 2012 mis-socjeta' 42 Telecom PTE Ltd u, liema kuntratt gie ukoll ipprezentat lit-Tribunal, dan il-kuntratt ma kienx iffirmat mir-rikorrent.

- Il-kuntratt il-gdid kien jistipula li l-impjegat issa kien sar impjegat tas-socjeta' relatata 42 Telecom Asia PTE ltd.

- Illi l-kuntratt il-gdid jistipula li ma kien hemm l-ebda tibdil fil-pozizjoni ta' l-impjieg tas-Sur Carfagno, lanqas ma nbidel il-kumpens ta' l-impjieg, illi t-tibdil li sar kien proprju li tbiddlet il-kumpanija li qieghda thaddem lir-rikorrent u sussegwentement il-ligijiet li jiggvernaw dan il-kuntratt, u kif ukoll jinkludi *probation period* ta' tlett xhur

- li ma giet indikata l-ebda evidenza li dan il-kuntratt qatt gie f'idejn is-Sur Carfagno

- illi t-tielet kuntratt kien ipprezentat mis-socjeta' ntimata, liema kuntratt igib id-data tas-16 ta' Marzu 2012, li ghalkemm jaghmel referenza ghall-kuntratt precedenti datat 1 ta' Frar, 2012, huwa fil-fatt kuntratt gdid u jipprovdi ghal tibdil fl-isem tas-socjeta', rwol gdid tar-rikorrent fi hdan is-socjeta', kumpens divers min qabel, obbligazzjonijiet godda u pozizzjoni ta' xoghol *part time*. Dan il-kuntratt kellu jibda jkun effettiv mill-1 ta' Gunju 2012. Dan il-kuntratt ma kienx iffirmat, la mis-socjeta' ntimata u lanqas mir-rikorrent.

- l-*email* intbaghtet lir-rikorrent mill Avv. Patricia Mifsud fit-13 t'April, 2012 li kienet tirrigwarda il–kuntratt il-gdid ta' Singapore u li maghha kien hemm anness dokument, pero il-kontenut tad-dokument m'huwiex maghruf

- li fis 27 t'April, 2012, l-Avv. Patricia Mifsud baghtet kopja tal-kuntratt il-gdid iffirmat mis-Sur Erik Angelow, u dan fuq talba specifika tar-rikorrent ghax kellu bzonnu minhabba ragunijiet ta' taxxa '*for tax reasons*'

- li din it talba mir-rikorrent , is-Sur Carfagno, saret fuq talba tas–Sinjorina Karen Sim, ufficjal imlahqa tat-taxxa go Singapore, biex tikkonferma li r-rikorrent kien impjegat mall-42 Telecom Asia Pte Ltd

-li s-Sur Carfagno kien lahaq ftehim li mill-1 ta' Gunju hu kien ser ikun haddiem ta' Haud Asia PTE Ltd fuq bazi *part time* kif kien rifless fit-tielet kuntratt

- li l-ittra tat-terminazjoni ta' mpieg kienet mibghuta mis-Sur Erik Angelow, fejn tittermina l-impjieg tieghu minn ma' Haud Asia PTE Ltd, maghrufa qabel bhala 42 Telecom PTE Ltd

**Kunsiderazjonijiet**

Wara li gew ezaminati d-dokumenti kollha sottomessi, u wara t-trattazjoni fis–seduta tal-14 ta' Frar 2013 li saret miz-zewg partijiet, u wara li ttiehdu l-kunsiderazjonijiet fuq il-kaz dwar il-gurisdizjoni kemm tar-rikorrent u kemm dawk tas-socjeta' ntimata, t-Tribunal ikkonkluda li;

Is-Sur Carfagno inizjalment kien impjegat mas-socjeta' 42 Telecom Ltd ( C50141), bhala Vici President bbazat go Singapore. Huwa kien iffirma kuntratt ta' l-impjieg mas-socjeta' Maltija hawn fuq insemmija. Is-Sur Carfagno qatt ma ffirma kuntratt iehor, pero kien talab huwa stess it-tieni kuntratt li s-Sur Erik Angelow kien ghaddielu liema kuntratt kien mas–socjeta' 42 Telecom Asia PTE Ltd.

Is-Sur Carfagno kien ottjene l-permess, *employment pass,* biex ikun jista' jahdem go Singapore bhala mpjegat ta' 42 Telecom Asia PTE Ltd, u li kien huwa stess li talab dan il-kuntratt il-gdid biex ikun jista' jipprova li kien verament impjegat tas-socjeta' ta' Singapore, u dan sabiex ikun jista' jiehu beneficji ta' taxxa, li altrimenti ma kienx ikun intitolat ghalihom.

Minhabba dawn il-fatti, u ghalkemm ma kien hemm ebda kuntratt ta' mpjieg iehor iffirmat ghajr l-ewwel wiehed, mis-Sur Carfagno, is-Sur Carfagno kien mhux talli huwa stess qabel mall-kuntratt il-gdid, izda uza l-istess kuntratt biex jottjeni beneficji.

Peress li s-Sur Carfagno hadem taht l-isem ta' 42 Telecom Asia PTE ltd, ikkunsidra lilu nnifsu bhala mpjegat ta' 42 Telecom Asia PTE Ltd, l-impjieg tieghu go Singapore kien regolarizzat bhala mpjegat tas-socjeta' ta' Singapore, huwa stess kien talab kuntratt biex jipprova li huwa mpjegat tas-socjeta' 42 Telecom Asia PTE Ltd, u kien jistenna li jibbenefika minn beneficji ta' taxxi minhabba l-impjieg tieghu mas-socjeta' ta' Singapore. It-Tribunal jikkonkludi, anke fl-interess tas-Sur Carfagno li, l-impjieg tas-Sur Carfagno kien regolarizzat mill-kuntratt datat 1 ta' Frar 2012, u ghalhekk dan it-Tribunal Industrijali Malti m'ghandux il-gurisdizzjoni li jisma' dan il-kaz.

**Decizjoni**

Wara li ha in konsiderazjoni s-sottomissjonijiet u t-trattazjoni li saret waqt l-ahhar seduta miz-zewg partijiet, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-Avv. Roselyn Borg hawn qieghda tidher ghas-socjeta' ntimata, illli dan it-Tribunal m'ghandhux l-gurisdizzjoni li jiddecidi l-mertu ta' dan il-kaz.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assistita l-partijiet fl-ammont ta' € 93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

Mary Gaerty

Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**

**Ghas-Segretarju**